MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru. 605/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON CASSAR**

**KONTRA**

**MARVIN ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Marvin Zammit ta’ 21 sena, bin missier mhux maghruf u Maria Theresa Zammit, imwieled fl-24 ta’ Lulju, 1986 Tal-Pieta’, residenti fil-fond imsejjah ‘Narcis’, Triq Emvil Caruana, Imsida, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 340286M

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli nhar l-4 ta’ Frar 2007, bejn il-hamsa u d-disgha u nofs ta’ fil-ghaxija, f’Santa Venera, ikkommetta serq mill-fond St Mary Flats, Flat 3, Triq is-Soll, ghad-dannu ta’ John Borg, u/jew persuni ohra, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), bil-mezz, bil-lok, u kif ukoll bil-hin;

2. U aktar talli fl-istess jum, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema hwejjeg gew minn serq ikkwalifikat bil-valur, bi-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirksotanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, u/jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ John Borg, u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

4. U kif ukoll talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz in ezami jitratta dwar serqa li sehhet fil-fond St Mary Flats, Flat 3, Triq is-Soll, Santa Venera, proprjeta’ ta’ John u Carmen konjugi Borg, nhar l-4 ta’ Frar, 2007, f’xi hin bejn il-5.00pm u d-9.30pm. Il-persuna jew persuni li wettqu s-serqa dahlu fil-fond in kwistjoni billi ressqu armar ta’ kostruzzjoni (scaffolding) ghal quddiem din il-proprjeta’, telghu mal-istess armar u dahlu minn bieb tal-hgieg u aluminium ta’ gallerija. Mill-investigazzjonijiet irrizulta li

nstabu impronti digitali fuq il-bieb tal-hgieg tal-gallerija, liema impronti, fl-istadju tal-inkjesta tal-Magistrat Inkwerenti, kienu jaqblu ma' tal-imputat. Ir-res furtiva, li kien jikkonsisti f'bicciet tad-deheb, ammonta ghal madwar Lm1,150.00 (elf mija u hamsin lira maltin), u baqa' qatt ma nstab. Dawn kienu mohbija fil-kamra tas-sodda tal-konjugi Borg. F'din il-kamra ma kienx hemm sinjali ta' taqlib, u l-kumplament tad-dar ma ntmiss xejn, haga li mill-ewwel tindika li min dahal jisraq kien jaf fejn kellu jfittex u x'ried ezatt. Ta' min jghid ukoll li l-imputat xi sena u nofs qabel din is-serqa, kien gharus mat-tifla tal-konjugi Borg, izda r-relazzjoni kienet spiccat fuq nota hazina. Kien a bazi ta' din ir-retroxena li l-Prosekuzzjoni ressqet lill-imputat biex iwiegeb ghal dawn l-imputazzjonijiet.

Mill-provi prodotti, il-Qorti tinsab konvinta li kien l-istess imputat li wettaq din is-serqa, aktarx bl-ghajnuna ta' terzi li baqghu ma gewx identifikati. Ghalkemm ma hemmx provi diretti kontra l-imputat, il-prova kardinali f'dan il-kaz hi l-impronta digitali li nstabet fuq ix-xena tad-delitt fuq il-hgiega fil-bieb tal-gallarija, ezatt fil-post minn fejn dahal il-halliel. Din l-impronta ghalhekk tqieghed lill-imputat fuq ix-xena tad-delitt, haga li hu pprova jiggusitifika fix-xhieda tieghu b'mod kemmxejn implawsibbli.

L-imputat xehed u qal li dik l-impronta setghet thalliet hemm minnu meta hu kien ghadu gharus mat-tifla tal-konjugi Borg. Hu qal li kien ghamel zmien jidhol ghandhom flimkien mat-tfajla tieghu, madwar sena u nofs jew sentejn qabel is-serqa, u jista' jkun li dik l-impronta thalliet hemm minn dak iz-zmien. Din l-ispjegazzjoni hi ghal kollox inverosimili u l-Qorti ghalhekk ma temminhiex. Il-Prosekuzzjoni uriet ukoll li l-imputat kellu l-moventi, peress illi aktarx ried ipattieha lill-'ex' tfajla tieghu – jew addirittura lill-genituri taghha, u wriet ukoll li l-persuna li dahlet biex tisraq qisha kienet taf sew il-post minn fejn insterqu l-oggetti in kwistjoni. Di fatti, l-imputat kien spicca minn mat-tfajla tieghu fuq nota hazina hafna, addirittura kien hemm incidenti u rapporti fuq l-istess imputat fil-konfront ta' din it-tfajla. Dawn iz-zewg elementi gew ukoll ikkoraborati mill-imputat stess fix-xhieda tieghu, li stqarr li kemm-il darba hu dahal fil-kamra tas-sodda tal-konjugi

Borg mat-tfajla tieghu ta’ dak iz-zmien. Ghalhekk huwa indikattiv ferm li min dahal jisraq kien jaf sew fejn ifittex, haga li persuna li tkun dahlet hemm biss tista’ tkun taf. Hija x-xhieda tal-imputat stess li, fil-fehma tal-Qorti, issahhah u tikkorabora l-provi tal-Prosekuzzjoni. Fl-ewwel lok, ghax l-impronta digitali tieghu instabet fuq ix-xena tad-delitt minghajr ma inghatat spejgazzjoni plawsibbli ghaliha. Fit-tieni lok, min dahal jisraq kien jaf il-kamra tajjeb, haga li l-imputat bil-fors kien jaf sew, b’dawk id-drabi kollha li hu dahal mal-gharusa tieghu. Fit-tieni lok, kellu moventi biex ipattieha lill-familja Borg tal-mod kif kienet spiccat ir-relazzjoni tieghu mal-istess tfajla.

Prova ohra li tkompli tikkundanna lill-imputat hi l-istqarrija guramentata tieghu. Din ittiehdet fit-18 ta’ Lulju, 2007, jigifieri aktar minn hames xhur wara s-serqa, u fiha l-imputat huwa kawt hafna liema mistoqsijiet iwiegeb u liema ma jwegibx. Il-Ligi tghid illi f’dak l-istadju ghandu dritt sagrosant li jaghzel li ma jwiegeb ghal ebda domanda, izda l-imgieba tieghu hassbet lill-Qorti mhux ftit, ghax it-twegibiet li setghu inkriminawh b’xi mod hu ghazel li ma jaghtix spjegazzjoni ghalihom, u fl-istess waqt iwiegeb ghal dawk il-mistoqsijiet li jidhru innokwi. Din l-imgieba ghalhekk turi li l-imputat kellu x’jahbi jew x’jitlef bit-twegibijiet li seta’ ta, mentri li kieku vera hu ma dahalx jisraq jew m’ghamel xejn dakinhar, ma kellux x’jitlef billi jinnega kollox. Minn flok jinnega, l-imputat ghazel li ma jwegibx ghal certi domandi, u din tqanqal suspetti serji fih. Kombinat dan kollu mal-provi prodotti, din il-Qorti m’ghandha ebda dubju li kien l-imputat li wettaq din is-serqa.

Kwantu ghat-tieni (2) imputazzjoni, din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) - dik ta’ serq, u allura l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Kwantu ghat-tielet (3) imputazzjoni, apparti li din il-hsara ammontat ghal Lm50.00 (hamsin lira maltin), din saret bhala mezz ghal fini tas-serqa, u ghalhekk ser ikun hemm assorbiment fil-piena. Kwantu ghar-raba’ (4) imputazzjoni – dik tar-recediva, din giet ippruvata bl-ezebizzjoni ta’ zewg (2) sentenzi kontra l-imputat a fol 153 u 155 tal-process, u kkonfermati mill-ufficjali prosekuturi li mexxew

dawk iz-zewg kawzi kontra l-istess imputat. Ghalhekk il-prova tar-recediva tirrizulta wkoll.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti ma tara ebda triq ohra hlief prigunerija effettiva. Hija l-Ligi stess li ma tippermettix lill-Qorti taghti piena ta' prigunerija sospiza ai termini tal-Artikoli 28A et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba fl-istess recidiva, u l-Qorti ma tarax li l-imputat jimmerita xi sanzjoni fil-komunita' taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446.

Ghal dawn il-motivi;

Wara li rat l-Artikoli 261(a), 261(b), 261(c), 261(e) u 261(f), 262(1)(a), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 276, 276(A), 277, 278, 279, 280, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
L-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tielet (3), u r-raba' (4) imputazzjoni, u tikkundannah terminu ta' prigunerija ta' tlitt (3) snin.
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------